# Il-Festival Mediterranju tal-Letteratura reġa' magħna

JEAN PAUL BORG GĦAL INIZJAMED

**WASALNA FI ŻMIEN LI QEGĦDIN INĦOSSUNA AKTAR EWROPEJ MILLI MEDITERRANJI.**

Meta tagħti daqqa t'għajn lejn il-madwar tara l-element Mediterranju tal-gżira dejjem jitnaqqar dik il-farka aktar u jagħmel il-wisgħa għal elementi li huma inqas, skontna, ħorox, li jleqqu, li ma jaqtgħux jekk tmiss magħhom, ogħla minn qatt qabel donnhom fi sfida max-xemx Mediterranja li daqskemm kultant taħraqna tagħtina l-kulur tagħna. Ibda mill-ħitan tas-sejjieħ u spiċċa fid-dgħajsa Maltija li ġiet mibdula ma' biċċiet tal-baħar bla tmun halli jiġru iżjed.

Iżda għal dawn l-aħħar 15-il sena, kull Awwissu, f'xahar li joħroġ aktar il-Mediterranjità ta' din il-gżira, Inizjamed torganizza Festival Mediterranju tal-Letteratura, u l-għaġġla titpoġġa fil-ġenb. Fih il-letteratura toħroġ minn fuq il-karta, titla' fuq palk, u tiġi ċċelebrata b'lingwi differenti minn awturi differenti minn madwar l-erbat irjieħ, f'dan il-Mediterran, li għal darb'oħra jservi bħala punt ta' tlaqqigħ u skambji, bħal kif għamel minn żmien il-Feniċi 'l hawn.

Il-letteratura hi ħaġa ħajja ħafna aktar milli naħsbu, u għalhekk hi ta' min jiċċelebraha f'festival. Ibda mill-poeżija. Il-poeżija mhix qiegħda hemm biex taqraha f'qalbek. Il-poeżija qiegħda biex toħroġ l-emozzjonijiet ta' ġewwa li ilhom moħbija. Il-poeżija tant hi ħajja li għandha ritmu li jimita lir-ritmu tal-ħajja, tat-tħabbit tal-qalb, tat-tkarwit tar-ragħad, tal-mewġa wara l-oħra tħabbat max-xatt, kultant kuntenta tħabbat bil-mod mal-moll, drabi oħra b'ħafna rabja trid tidħol 'il ġewwa ħdejn min ilu jinkiha u jimbuttaha.

Waħda mill-awturi mistiedna għal din is-sena se tkun Elizabeth Grech, li l-baħar għaliha tant hu importanti li tniżżel darbtejn fit-titlu tal-ġabra tal-poeżiji tagħha, bejn baħar u baħar. Żewġ awturi oħra Maltin għall-festival ta' din is-sena se jkunu l-friski bil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fil-poeżija u l-proża rispettivament. Antoine Cassar, l-awtur ta' Erbgħin Jum, li jara l-mixi s-salmura tal-qalb, u l-kelma li tfisser skietu, u Loranne Vella, li tant kellha bżonn tifrex mill-Mediterran li għażlet Rokit bħala l-isem tar-rumanz tagħha. Magħhom, se jkun hemm Rena Balzan, li fit-tmeninijiet kienet diġà temmen li Ilkoll ta' Nisel Wieħed.

Il-Malti ta' dawn l-erba' awturi se jiddakkar u jinqasam ma' Habib Tengour mill-Alġerija, Yolanda Pantin mill-Venezwela, Sampurna Chattarji mill-Indja, Astrid Alben mill-Gran Brittanja, Eric Ngalle Charles mill-Kamerun, Rasha Abbas mis-Sirja u Davide Rondoni mill-Italja. Ma' min hu qrib tagħna u nafuh, ma' min hu 'l bogħod u nafuh inqas. Ma' min bħalissa għadu kif għadda jew għadu għaddej minn burraxka.

Stejjer qosra, biċċiet minn rumanzi se jitwasslu għand il-poplu mill-kittieba nfushom, u l-memorja tar-rumanz moqri fuq ir-radju minn leħen wieħed li jagħmilha ta' tnejn taf tfeġġ lura.

Għal ġimgħa sħiħa, it-12-il awtur mistieden jiltaqgħu flimkien, jgħixu flimkien, u jittraduċu lil xulxin. Il-Malti jitla' fuq l-istess pjattaforma tal-lingwi mitkellma mill-miljuni, u jesprimi dak li qed tħoss is-Sirjana jew il-Venezweljana. It-Taljan jew il-Franċiż se jesprimi dak li qed iħoss il-Malti fuq din il-gżira li hawn min ma jafx biha. Mal-mużika tal-ilsna, kultant tindaqq il-mużika mill-istrumenti.

Għal ġimgħa sħiħa bejn it-18 u l-24 ta' Awwissu, fil-Forti Sant Iermu se naqsmu ħbiberiji ġodda u nġeddu l-Mediterran mhux bħala baħar magħluq imma bħala baħar li jwassalna għand xulxin.

Għal aktar informazzjoni ara s-sit tal-Festival: https://www.inizjamed.org/.

